**6 ta' Mejju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Emanuel Borg

*versus*

Paul Bugeja

## Illeġittimità tal-Persuna – Prova ta' Mandat

*Normalment, bniedem huwa meqjus li jkun qiegħed jikkontratta għalih nnifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.*

*Il-piż tal-prova li min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni.*

*Fin-nuqqas ta' provi jew anke fid-dubji l-mandat ma jistax jiġi preżunt.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi hu biegħ kwantità ta' ġwież fuq ordni tal-konvenut kif jirriżulta mill-*Invoice* esibit Dok. A;

U premess illi l-konvenut għad baqagħlu jħallas bilanċ ta' somma akbar għall-ġwież li ġie mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenut ta' erba' mija ħamsa u erbgħin lira Maltija (Lm445)

u peress illi għalkemm ġie interpellat biex iħallas, xorta baqa' inadempjenti;

U billi dan id-debjitu hu ċert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attur il-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni valida x'iġib kontra t-talba ta' l-attur u għalhekk iċ-ċirkostanzi previsti mill-artikoli 167 – 170 tal-kodiċi tal-proċedura ċivili; l-istess attur talab li din il-Qorti b'dispensa mis-smigħ u *ai termini* ta' l-artikolu (1) 167 – 170 tal-kodiċi tal-proċedura ċivili, tikkundannah iħallas lill-attur is-somma ta' erba' mija ħamsa u erbgħin lira Maltija (Lm445) fuq imsemmija bl-imgħax kontra tiegħu inkluż ta' l-ittra bonarja tat-30 ta' Ottubru 1989;

Rat fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 1989 il-konvenut ingħata permess jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paul Bugeja li biha eċċepixxa:

Illi huwa *de proprio* m'għandu jagħti xejn lill-konvenut stante li huwa jinnegozja biss bħala *Managing Director* u azzjonista fil-kumpanija *Genuine Pork Limited;*

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat il-provi li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob li jiġi kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm445 bilanċ ta' somma akbar prezz ta' ġwież mibjugħa u kkonsenjat lill-konvenut;

Il-konvenut ma hux qiegħed jikkontesta l-kwistjoni tal-bilanċ dovut jew tal-konsenja però huwa qiegħed isostni li hu personalment m'għandu jagħti xejn lill-konvenut stante *de proprio* huwa ma jġesti ebda negozju u jinnegozja biss fil-kwalità tiegħu bħala *Manager* tas-Soċjetà *Genuine Pork Limited;*

Fi kliem ieħor, il-konvenut qed jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tiegħu bħala konvenut f'din il-kawża:

Illi mhux ikkontestat li l-konvenut għamel l-ordni għall-bejgħ tal-ġwież in kwistjoni hu stess;

Ikkunsidrat:

Illi normalment bniedem huwa meqjus li jkun qiegħed jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-konvenut l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor;

Il-piż tal-prova li min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni;

Il-prova f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubji l-Mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (*Troplong, Mandato No. 50)* ċitata fil-Kollez. Vol. XLII-11-P. 203) inoltre għandu jiġi rrilevat li l-liġi tesiġi (art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u

kull obbligazzjoni għandha ssir u tiġi esegwita *in buona fede;*

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma rnexxilux jipprova li n-negozju ma' l-attur għamlu għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija tiegħu jew aħjar li hu għarraf lill-attur li n-negozju kien qed jagħmlu f'din il-kapaċità. Il-verżjoni li ta l-attur hija aktar attendibbli mill-verżjoni li ta l-konvenut. Inoltre, il-verżjoni ta' l-attur hija korroborata mill-*Invoices* li esebixxa. Dawn kważi kollha jġibu l-firma tal-konvenut (P. Bugeja) u ma hemm l-ebda indikazzjoni li dik il-firma kienet qiegħda titpoġġa per/pro xi soċjetà;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax tintlaqa';

Għal dawn il-motivi, prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talba ta' l-attur eżattament kif dedotta u għalhekk tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur;

Is-somma ta' Lm445 bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mit-28 ta' Lulju 1988 u bl-ispejjeż kollha a kariku ta' l-istess konvenut.